MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 642/2001/1

**Baldassare Baldacchino ghan-nom ta' James Baldacchino**

**v.**

**L-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici nominat kuratur deputat b' digriet tas-17 ta' Ottubru 2001 biex jirrapprezenta lil Tony Harborne u b'digriet tal-31 ta' Lulju 2006, is-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. giet awtorizzata tintervjeni "*in statu et terminis*"**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ April 2001, l-attur nomine ppremetta illi fl-24 ta’ Ottubru 1999, waqt li James Baldacchino kien qed jaqsam Triq Testaferrata fl-Msida, safa mtajjar mill-vettura LAK764 misjuqa mill-konvenut; illi l-istess James Baldacchino garrab griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna tieghu tant li huwa permanentement dizabilitat, kif jirrizulta mill-anness dokumenti; illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan anke in vista tal-fatt illi l-konvenut kien qed isuq taht l-influwenza ta' l-alcohol; illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni, baqa’ inadempjenti; dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti:-

"1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-24 ta’ Ottubru 1999 f’Testaferrata Street, Msida u ghad-danni kollha li b’rizultat tal-istess sofra l-istanti James Baldacchino.

"2. Tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

"3. Tikkundannah ihallas lill-istanti Baldassare Baldacchino qua kuratur ad litem ta’ ibnu James Baldacchino dak l-ammont dikjarat u likwidat bhala dovut in linea ta’ danni.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Frar 2001 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax skond il-Ligi, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni."

B’nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fid-9 ta’ Novembru 2001, il-konvenut eccepixxa illi huwa ma ghandux tort ghall-incident li sehh fl-24 ta’ Ottubru 1999, billi kien qed isuq tajjeb u ma kiser ebda regolament tat-traffiku.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru 2005, bil-mod segwenti:
"*Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif ser jinghad: tiddikjara li l-incident indikat fic-citazzjoni sehh tort kemm tal-konvenut kif ukoll ta' James Baldacchino fi kwoti ta' terz [1/3] u zewg terzi [2/3] rispettivament kif fuq indikat; tiddikjara li rizultat ta' dan l-istess incident James Baldacchino sofra danni konsistenti f' lucrum cessans u danni emergenti fl-ammont komplessiv ta' Lm142,386.90, li terz minnhom, ammontanti ghas-somma ta' seba u erbghin, erba mija tnejn u sittin lira maltin [Lm47,462], ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-attur; u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta' [Lm47,462], flimkien ma' l-imghax legali mid-data ta' dan il-gudizzju sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*"L-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet fil-kwoti fuq indikati, fis-sens ta' 1/3 jkunu a kariku tal-konvenut, filwaqt li r-rimanenti 2/3 jibqghu a kariku tal-attur nomine.*"

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Ikkunsidrat;**

"**Kwadru tal-fatti**

"Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwent kwadru tal-fatti. Fl-24 ta' Ottubru 1999, ghal habta tas-12.00 am waqt li l-konvenut Tony Harborne, ta' nazzjonalita` Ingliza residenti l-Ingilterra, kien qed isuq il-vettura tal-kiri numru LAK 764 niezel minn Testaferrata Street fl-Msida fid-direzzjoni tal-Gzira, hekk kif wasal kwazi f' nofs din it-triq, u precizament fejn hemm l-inkrocju ta' Triq Enrico Mizzi, huwa lemah lil James Baldacchino, zaghzugh ta' 22 sena, jaqsam it-triq bil-girja mix-xellug ghall-lemin. Konfrontat b' din is-sitwazzjoni Harborne applika l-brakes, izda ghalkemm ukoll prova jaghmel manuvra evasiva billi mat-tkaxkira tal-brakes gibed ghal

fuq ix-xellug, l-incident ma setax jigi evitat u tajjar lill-imsemmi James Baldacchino bir-rizultat li dan spicca mixhut fl-art ghal nofs it-triq quddiem l-istabbiliment bl-isem Dun Auto Dealer li qieghed sitwat aktar l-isfel mill-imbokkatura ta’ Triq Enrico Mizzi liema triq hija side road sitwata f’ posizzjoni perpendikulari ma’ Triq Testaferrata. Rizultat tal-feriti li garrab James Baldacchino f’ dan l-incident huwa sofra dizabilita` permanenti li giet kwantifikata mill-perit mediku f’ percentwali ta’ mija [100%].

“Illi t-triq fejn sehh l-incident, Testaferrata Street[1] gewwa l-Misda hija triq principali u ghandha karreggjata wiesgha u tiehu traffiku minn zewg nahat f’direzzjonijiet opposti. Inizjalment minn naha ta’ l-Msida, it-triq tibda b’inklinazzjoni l-fuq ta’ ftit metri, imbaghad taghti ghan-nizla fit-tul b’elevazzjoni rilevanti.  In-nizla hija maqsuma f’zewg livelli, fl-ewwel livell jasal sa’ l-inkrocju ta’ l-imsemmija Triq Enrico Mizzi biex imbaghad f’livell iehor hemm nizla ohra li tibqa’ sejra sa isfel nett fejn hemm il-pompa tal-petrol ta’ Paul & Rocco.  It-triq hija twila u ghalhekemm hija piuttost elevata minnnaha ta’ l-Msida ghan-naha t’ isfel li tati ghal Gzira, kemm is-sewwieqa kif ukoll il-pedoni ghandhom vizwali ghat-tul mhux ostakolata, mit-tarf ta’ l-gholja sa isfel nett, u vice versa.

“Din id-deskrizzjoni tal-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident hija importanti u relevanti fl-ezercizju tad-determinazzjoni tar-responsabilita` jew responsabilitajiet ghall-akkadut;  b’ mod partikulari ghax kemm is-sewwieq Tony Harborne niezel fuq ix-xellug kif ukoll James Baldacchino li kien qed jaqsam it-triq mix-xellug ghan-naha tal-lemin kellhom vizwali dritta, twila mhux ostakolata tal-karreggjata t-tul kollu taghha.  It-triq hija asfaltata u l-art dak il-hin ta' l-incident kienet xotta.

“Illi f’ dan il-kaz, peress li l-attur James Baldacchino qatt ma kien fi stat li jiddeponi, u peress li l-konvenut Tony Harborne ma nstabx sabiex jkun jista’ jiddeponi f’din il-kawza u lanqas ghalhekk gie prezentat affidavit tieghu, il-

[1] Din il-Qorti hija familjari ma din it-triq li mill-Msida taghti ghal Gzira u eventwalment ghal tas-Sliema

Qorti biex tasal ghar-rizoluzzjoni ta' dan il-kaz kellha necessarjament tistrieh fuq id-deposizzjonijiet u rapporti ta' l-esperti nominati fl-inkjesta magisterjali, u cioe` l-Avukat Dottor Micallef Stafrace[2], espert tat-traffiku, li wara li acceda fuq il-post, flimkien mal-espert tekniku Joseph Zammit, sema' a tempo vergine d-depozizzjoni tal-konvenut, u ta' Ps.429 Mark Schembri li investiga l-kaz, kif ukoll ta' missier l-attur.

“Il-Perit Richard Aquilina nominat ukoll perit arkitett fl-inkjesta, wara li acceda fuq il-post, hejja rapport u pjanta[3] li turi l-posizzjoni tal-vettura kif spiccat ezatt wara l-incident, kif ukoll il-posizzjoni tat-ticpis ta' demm fil-karreggjata u sandli, li kienu fuq in-naha l-ohra tal-karreggjata li tiehu t-traffiku mid-direzzjoni opposta. Mill-istess pjanta jidhru *brakemarks* twal, fil-wisa' tal-vettura misjuqa minn Harborne, u li ghandhom il-bidu taghhom mill-imbokkatura ta' Triq Enrico Mizzi.

“Illi t-tekniku Joseph Zammit ccertifika li l-vettura misjuqa minn Tony Harborne kienet tiffunzjona tajjeb, ma riskontrax difetti. Kemm id-dwal kif ukoll l-isteering u l-brakes kienu jiffunzjonaw tajjeb.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi fl-ewwel lok huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

“[A] In propositu ghar-relazzjoni tal-perit arkitett, il-Qorti, stante li dan l-espert acceda fuq il-post ta' l-incident a tempo vergine, u kien gie nominat bhala bniedem professjonali u ta' esperjenza kbira f' dan il-qasam, proprju biex ihejji pjanta u jaghmel rapport dwar l-in genere, kif ukoll tenut kont li dan ir-rapport gie konfermat minnu fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, il-Qorti ghandha tistrieh fuq il-kontenut tar-rapport tieghu u tal-pjanta annessa bhala prova affidabbli tas-sitwazzjoni ezistenti fuq il-post ta' l-incident ftit wara li dan kien sehh, u li l-pjanta hija prova ta' dak li turi.

[2] rapport fols.83 *et seq.*
[3] fol.145

"[B] Illi, ghalkemm mir-relazzjoni ta' l-espert Dottor Joseph Micallef Stafrace jirrizulta, wara li saru t-testijiet relattivi, li dak il-hin Tony Harborne kellu livell ta' alkohol li kien jeccedi dak regolamentari, xorta wahda ma rrizultax li dak il-hin huwa kien taht l-effett tax-xorb tali li kkagunalu diminwizzjoni fil-fakoltajiet mentali tieghu. Di fatti l-istess espert, li kien sema' lill-konvenut a tempo vergine ftit wara l-incident, josserva li "hu [Tony Harborne] kien car hafna u b' ebda mod ma deher bniedem xurban."[4] It-termini kategorici wzati minn dan l-espert [persuna ta' esperjenza twila f' materja ta' inkjesti magisterjali] jimmilitaw serjament kontra t-tesi attrici li dan il-fattur seta' wassal jew ikkontribwixxa ghall-incident.

"Illi l-principju legali li ghandhom jiggvernaw dan il-kaz huma s-segwenti:

"[1] Illi sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkostanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali, il-kondizzjonijiet atmosferici, l-istat ta' l-art u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq. Huwa ghandu wkoll jissikura f' kull waqt li s-sewqan tieghu jkun tali li jkollu kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu.

"[2] Illi kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza, ghalkemm l-ispeed per se ma jwassalx necessarjament ghar-responsabbilita' tas-sewwieq, jistghu pero' jezistu cirkostanzi fejn l-velocita' tkun wahda mill-kawzi prossimi li wasslu ghall-incident. Ghax l-ispeed jista' jkun eccessiv anke meta ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza fic-cirkostanzi tal-mument. Sewwieq ghandu jimxi bi speed li jkollu f' kull hin il kontroll tal-vettura, u ghalhekk mhux bizzejjed li s-sewwieq ikun qed isuq bl-ispeed permess mill-ligi.

[4] Fol.93 – sottolinear tal-Qorti

"Wara kollox, min ikun qed isuq, ghalkemm ma jghamilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero' jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi; u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konformament" u jassikura kontroll tal-vettura tieghu f' kull hin waqt is-sewqan [App.Kriminali Pulizija vs Joseph Muscat 7.06.1995]

"[3] Izda mhux is-sewwieqa biss, imma anke l-pedoni ghandhom l-obbligu li jridu josservaw biex ma joholqux perikolu lill-utenti l-ohra tat-triq, u cioe` li jesercitaw dik id-diligenza ghas-sikurezza taghhom "as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances" [Gibb citat fil-kawza PA.Joseph Gatt vs Philip Caruana deciza 21.06.2001]

"Illi din il-Qorti wara ezami akkurat tal-provi u debita riflessjoni dwar id-dinamika ta' l-incident, hija tal-fehma li l-incident de quo gie pprovakat minn James Baldacchino meta dan qasam it-triq minghajr ma esplora bl-attenzjoni mehtiega jekk kienux gejjin vetturi kemm min-naha tax-xellug tieghu kif ukoll minn naha tal-lemin. Il-Qorti tifhem u tapprezza li meta persuna tkun trid taqsam dik it-triq partikolari, tenut kont tal-fatt li t-triq tiehu traffiku mid-direzzjonijiet opposti u tenut kont ukoll tal-fatt li ma hemmx centre strip fin-nofs, dik il-persuna ma tistax titnikker waqt li qieghda taqsam, u pedestrian diligenti jqasam it-triq bl-aktar heffa possibbli. Izda dan ma jffissirx li qabel ma jiddeciedi jaqsam it-triq huwa m' ghandux juza dik id-dilegenza dettata mic-cirkostanzi tal-kaz. James Baldacchino kellu d-dmir li qabel ma jibda biex jaghmel il-manuvra tat-traversata, huwa kellu jaccerta ruhhu li ma kienx gej traffiku, jew jekk kien gej traffiku dan kien ghadu f' certu distanza il-boghod li setghet tippermittilu jibda u jittermina l-manuvra tieghu minghajr perikolu kemm ghal persuna tieghu kif ukoll ghas-sewwieqa li jkunu ghaddejjin dak il-hin minn dik il-parti tat-triq.

"Fil-kaz in disamina l-provi juri li James Baldacchino qasam it-triq bl-ghaggla, tant li hasad lis-sewwieq

Harborne u ma esercitax dik id-diligenza mehtiega qabel ma ddecieda jaqsam it-triq. Il-fatt li mill-post minn fejn qasam it-triq dan kellu vizwali twila mhux ostakolata sat-tarf tat-telgha, kunsidrat mal-fatt li l-brakemarks li halliet il-karrozza misjuqa minn Harborne jibdew mill-imbokkatura ta’ Triq Enrico Mizzi sitwata circa fin-nofs tat-telgha, jaghti lok ghal zewg ipotezijiet: jew li James Baldacchino kien tant aljenat li ma harisx jew ma hares b’attenzjoni lejn il-lemin tieghu fejn kellu vizwali twila u ghalhekk zgur li ragjonevolment seta’ jara l-vettura gejja minn dik in-naha; jew inkella ra l-vettura gejja izda dehrlu li kienet il-boghod f’distanza adegwata sabiex jaghmel u jittermina t-traversata tat-triq. Iz-zewg ipotiezijiet jimmanifestaw nuqqas ta’ diligenza da [parte] tieghu meta dan gie biex jaqsam it-triq.

“Dan il-fatt hasad lil Harborne li f’dak il-hin kien niezel minn dik it-triq, u kif kien circa f’nofs in-nizla huwa lemah lil James jaqsam bl-ghaggla, bir-rizultat li applika l-brakes, kiser lejn ix-xellug b’ tentattiv li jevita li jolqtu, izda inutilment.

“Illi pero` ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma li ma kienx is-sewwieq li pprovoka l-incident odjern, imma kienet it-traskuragni tal-vittma u n-nuqqas ta’ prudenza da parti tieghu meta gie biex jaqsam it-triq, xorta wahda pero` tirravvisa nuqqas da parti ta’ Tony Harborne fis-sewqan tieghu. Fid-deposizzjoni li huwa kien ta fl-inkjesta magisterjali huwa spjega li kien qed isuq bi speed ta’ circa 25/30 mfs. F’ dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, nonostante li dan l-ispeed ma jissuperax dak regolamentari, xorta wahda tenut kont tal-fatt li huwa kien niezel nizla ta’ dik l-elevazzjoni u tenut kont ukoll li f’dik il-konfigurazzjoni tat-triq il-vettura takkwista momentum qawwi f’perijodu qasir, il-Qorti thoss li dan l-ispeed kien imprudenti ghal dik il-parti tat-triq, u kien tali li ma kienx jippermettilu li jkollu kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu. Di fatti, kif jirrizulta mill-pjanta tal-perit arkitett huwa induna bil-presenza ta’ James Baldacchino fit-triq meta huwa kien kwazi fin-nofs tan-nizla, izda l-velocita` li kien ghaddej biha ma ppermettitlux li jaghmel b’success manuvra evasiva biex jevita l-incident. Il-brakemarks

indikati fil-pjanta jixhdu li l-ispeed ghan-nizla, kien speed qawwi li kkontribwixxa, ghalkemm ma pprovokax l-incident. Fi kliem iehor, il-vettura kienet qed tinsaq mill-konvenut b'velocita` li kkreat fl-istess konvenut self created incapacity li jirreagixxi b'success ghall-emergenza subitanea li sab quddiemu. Ghaldaqstant huwa ghandu jerfa' parti mir-responsabilita` ghall-akkadut.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-kawzi prossimi u diretti tal-incident de quo huma primarjament [1] in-nuqqas ta' diligenza da parti ta' James Baldacchino meta dan iddecieda li jaqsam it-triq; u in sub ordine [2] in-nuqqas da parti tas-sewwieq Tony Harborne li, minhabba l-velocita` li kien qed isuq biha, ma kellux il-vettura fil-kontroll shih tieghu b' mod li ma setax jevita l-incident. Ir-responsabilita` tal-partijiet ghall-incident qed tigi apporzjonata u ghandha tigi sopportata mill-partijiet fi kwota ta' terzi [2/3] mill-attur James Baldacchino u fi kwota ta' terz [1/3] mill-konvenut Harborne.

**"Likwidazzjoni tad-Danni**

"Damnum emergens – Illi mill-provi rrizulta inkontestat u sufficjentement provat b'ricevuti li konsegwenza ta' l-incident James Baldacchino sofra danni emergenti fl-ammont ta' Lm6,392.90 konsistenti fi spejjez medici

"Lucrum Cessans - Illi in propositu huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet guridici maghmula minn din il-Qorti fil-kawza Mark Borg vs Gozo Channel Company Limited et [citazz.2501NC].

"Fatturi relevanti ghal vertenza in disamina huma l-istat ta' sahha u l-kondizzjoni tad-danneggjat kif kienu qabel l-incident, u kif zviluppaw wara l-incident u kagun ta' l-istess; u jekk l-inkapacita` li sofra hijex ser tkun kagun ta' telf ta' qliegh ghalih fil-futur, u f'kaz affermattiv irid jigi stabbilit il-quantum ta' dan il-lucrum cessans.

"Il-ligi ma taghtix indenniz ghall-inkapacita` ut sic imma ghal inkapacita` in kwantu din tirrifletti telf ta' qligh – telf patrimonjali. [Vol.LXIB.101]. Dan it-telf ta' qliegh ghandu

jikkomprendi wkoll il-potenzjal tal-vittma li jaqla' introjtu fil-futur. Id-dizabilita` necessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss ma' l-employer prezenti izda wkoll ma terzi jew anke jekk tahdem ghal rasha. [Vol.LXXXII.II.243]. Konsegwentement il-gurisprudenza lokali stabbiliet li l-kriterju li ghandu jifforma l-bazi tal-multiplier, mhuwiex il-life expectancy tad-danneggjat, imma hija l-aspettativa lavorattiva tieghu li llum il-gurnata, hu rikonoxxut, tista', u probabbli tissupera, l-eta` pensjonabbli; minghajr pero` ma jigi injorat il-fattur l-iehor tac-chances and changes of life li jimponi certu elasticita` ta' kriterju stante li jirrendi l-pronuncjament tal-Qorti bhala wiehed ta' probabilita`. Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta, ghalkemm fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-Qorti ghandha timxi fuq kriterji kemm jista' jkun konkreti u mhux semplicement kongetturali, "huwa minnu li l-ezercizju tal-likwidazzjoni u ghoti ta' kumpnes jiddependi minn estimi u pronostici li dwarhom hadd ma jista' jkun cert mija fil-mija sewwasew ghaliex wiehed irid jipprova jaqta' x'sejjer jigri jew x'jista' jkun probabbli li jsehh fil-gejjieni".[5]

"Izda, rigward il-komputazzjoni tal-quantum ta' dan l-aspett tad-danni, jibqa' dejjem validu, fuq livell ta' principju, dak li osservat din il-Qorti diversament presjeduta u cioe` li "din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jaghmel estimu ekwitativ, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fizika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghal kaz b'apprezzament realistiku li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghajr mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita` tal-gudikant fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz"[6]

---

[5] Prim Awla – [JRM] *Evan Xuereb vs Vincent Spalding* deciza fl-10 ta' Lulju 2003

[6] .Prim Awla – *Carmelo Muscat v Francis Schembri et* per Imhallef M.Caruana Curran – 27.01.72)(emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).

"Illi fil-kaz in disamina, James Baldacchino fiz-zmien ta' l-incident kellu 22 sena, u kien impjegat bhala mastrudaxxa ma' kumpanija lokali, kif ukoll kien jaghmel xoghol ta' pizzaiola fuq bazi part-time. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fis-sena precedenti ghal dik ta' l-incident huwa kien ppercepixxa introjtu globali ta' Lm3,600 li ghandu jservi bhala bazi tal-multiplicand f'dan il-kaz; izda ma' din is-somma ghandha tizdied is-somma ta' Lm1,000 sabiex taghmel tajjeb ghaz-zidiet fil-pagi, l-gholi tal-hajja u varjazzjoni fl-inflazzjoni matul il-medda taz-zmien li fuqu ser jinhadem il-lucrum cessans. B' hekk il-multiplicand qed jigi kwantifikat fl-ammont ta' Lm4,600.

"Illi mir-relazzjoni medika tal-perit gudizzjarju l-Konsulent Kirurgu Dr. Anthony Zrinzo, liema rapport baqa' ma giex kontestat[7], jirrizulta li d-disabilita` permanenti li sofra James Baldacchino konsegwenzjali ghall-incident in disamina hija ta' mija fil-mija [100%].

"Illi kif suespost, fil-kalkolu tal-multiplier ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, mhux il-life expectancy tal-vittma, izda l-hajja lavorativa tieghu, in-natura u s-sahha tieghu – li tista' tvarja minn bniedem ghal bniedem ukoll minhabba dawk ic-cirkostanzi li jssejhu the chances and changes of life. Wiehed irid jezamina l-earning capacity ta' l-individwu, avut rigward tal-mard kif kontro bilanjat mill-istat ta' sahha tad-disgrazzjat.[8]. Illi ghalhekk il-multiplier m' ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjant, izda fuq l-aspettativa lavorativa tieghu u ghandu jiehu in konsiderazzjoni tac-chances and changes of life.[9] "The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimantion in the light of the facts of the particular case and oft other comparable cases."[10] Izda l-bazi tal-multiplier ghandu jibqa' l-eta` tad-danneggjat dakinhar tal-incident, u mhux fiz-zmien tal-likwidazzjon tad-danni mill-Qorti, ghar-raguni li l-Qorti

[7] Jigi osservat li ghalkemm il-konvenut pprezenta nota ghal talba ta' nomina ta' periti perizjuri, huwa ma baqax jinsisti fuq din it-talba tieghu.
[8] Prim Awla *Carmela Muscat vs Francis Schembri* (Ibid).
[9] Vide: App.Civ. *Butler vs Heard* deciza 22 ta' Dicembru 1967
[10] Peter Cane: *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* – kwotat fil-kawza Xuereb vs Spalding [supra]

ghandha tfittex li tqieghed lid-danneggjat kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-incident.[11]

"Illi fil-kaz in disamina tenut kont tal-fatt li fiz-zmien ta' l-incident l-attur kellu 22 sena[12], il-Qorti hi tal-fehma li f' dan il-kaz ghandha tapplika multiplier ta' 33 sena.

"Illi rigward il-lump sum payment reduction, jigi osservat li r-ratio ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi legali jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data ta' l-incident u d-data tas-sentenza, fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perijodu, aktar tonqos ir-raguni ghal tali deduzzjoni. "Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma [ghandux] jmmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni"[13] Illi f' dan il-kaz, tenut kont tal-fatt li l-incident jirrisali ghal Ottubru 1999, u tenut ukoll kont tal-fatt li c-citazzjoni giet prezentata fit-18 ta' April 2001, il-Qorti jidhrilha li f' dan il-kaz il-percentagg li ghandu jitnaqqas f'kaz ta' hlas f'pagament wiehed f' salt ghandu jkun ta' 17%.

"B'applikazzjoni ghall-premess, d-danni konsegwenzjali rapprezentanti lucrum cessans f' dan il-kaz jammontaw ghas-somma ta' Lm125,994

| | |
|---|---|
| Lm 3,600 | Salarji annwali |
| Lm 1,000 | Addizzjoni fil-multiplicand |
| LM 4,600 * | |
| 33 | Multiplier |
| Lm151,800 – | |
| Lm 25,806 | 17% Lump sum reduction |
| LM125,994 | |

"Illi l-attur fin-nota tieghu talab li jinghata kumpens ulterjuri arbitrio boni viri rapprezentanti ammont ta' flus li l-vittma

[11] Vide *Evans Xuereb vs Vincent Spalding* [supra] u kasistika hemm citata.
[12] Twieled fil-15 ta' Gunju 1977
[13] App.Civ.*Lawrence Caruana vs Anthony Falzon* deciza 5 ta' Ottubru 2001.

necessarjament ser ikollha tohrog minhabba d-dizabilita` taghha anke wara l-eta` pensjonabbli. Il-Qorti tikkondividi r-ragunament ta' din il-Qorti fil-kawza PA[GCD] Albert Scicluna et vs Annetto Farrugia deciza 8 ta' Marzu 2005 li fil-kaz fejn id-dizabilita` permanenti tqieghed lid-danneggjat fil-pozizjoni li dana minhabba id-dizabilita` tieghu jkollu necessarjament jitlob ghajnuna specjali li tkun tiswielu nfieq ta' flus, dan ghandu jigi rimborzat, ghal dawn l-ispejjez. Din il-konsiderazzjoni tissubentra legittimanent fl-ambitu tal-principju tar-restitutio in integru li ghandu bhala bazi tieghu l-hsieb li d-danneggjat jigi indennizzat tad-dannu kkagunat lilu bir-ri-imbors ta' l-ispejjez kollha li necessarjament kellu jaghmel u necessarjament ghad ghandu jaghmel b'konsegwenza ta' l-event dannuz kagunat mill-agir illecitu tad-danneggjant.

“Izda jigi osservat li anke f'dan ir-rigward jidhol il-fattur tac-chances and changes of life fis-sens li hadd ma jista' jbassar kemm ser ikunu dawn l-ispejjez fil-futur kif ukoll kemm ser idum jghix id-danneggjat. Fil-kaz in disamina, il-Qorti tenut kont il-percentagg massimu tad-dizabilita` [100%] thoss li t-talba ta' Lm1,000 fis-sena hija gustifikata sa perijodu ta' ghaxar snin. Konsegwentement, id-damnum emergens ghandu jizdied bis-somma ulterjuri ta' Lm10,000.

“In vista tal-premess, id-danni kaggjonati lil James Baldacchino rizultat tal-incident de quo ghandhom jigu kalkolati fl-ammont ta' komplessiv ta' Lm142,386.90 rapprezentanti Lm16,392.90 danni emergenti u Lm125,994 lucrum cessans. Illi stante li r-responsabilita` tal-konvenut giet apporzjonata minn din il-Qorti fi kwota ta' terz [1/3], l-ammont net li jirrizulta dovut lill-attur nomine huwa ta' sebgha u erbghin, erba mija tnejn u sittin lira Maltin [Lm47,462].”

**L-appell ta' l-attur nomine.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fis-16 ta' Dicembru 2005, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u/jew tirriforma s-sentenza tat-30 ta' Novembru

2005, u tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fl-att ta' citazzjoni. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Il-konvenut appellat ma ressaq ebda risposta ghar-rikors ta' l-appell ta' l-attur izda s-socjeta` Citadel Insurance p.l.c., bhala s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut fil-hin tal-incident talbet u otteniet id-dritt li tintervjeni *in statu et terminis* a tenur ta' l-Artikolu 960 tal-Kap 12 sabiex tkun tista' taghmel sottomissjonijiet bil-miktub b'risposta ghar-rikors tal-appell tal-attur – liema sottomissjonijiet gew prezentati b'nota tad-9 ta' Frar, 2007.

Fl-udjenza tad-19 ta' Frar, 2008 id-difensuri tal-partijiet, inkluz id-difensur tal-konvenut appellat u tal-intervenut fil-kawza, ittrattaw l-appell.

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

L-attur ressaq basikament zewg aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn jikkoncernaw kemm il-kwestjoni tar-responsabblita` ghall-akkadut kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni.

**Dwar responsabbilita`**

L-attur jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti apporzjonat r-responsabbilita` ghall-akkadut billi akkolat zewg terzi mir-responsabbilita` fuq ibnu u terz mir-responsabbilita` fuq il-konvenut. Bazikament l-appellant jikkontendi li l-incident sehh minhabba l-fatt li l-konvenut kien qed jsuq taht l-influenza tax-xorb, li kien qed jsuq bi speed eccessiv u li finalment ma kienx qed jzomm "*a proper look out*".

Waqt il-proceduri in prim istanza l-ewwel Qorti ppermettiet li jigi prodott l-inkartament ta' l-Inkjesta Magisterjali u dan, din il-Qorti tifhem, sar billi iben l-attur, li korra serjament waqt l-incident, qatt ma kien f'posizzjoni li jixhed mentri l-konvenut ma setax jixhed "*viva voce*" billi kien jinsab barra minn Malta. Din il-prova ghalhekk kienet l-unika prova ta' dak li sehh dak inhar tal-incident, ghalkemm anke fl-istess inkjesta ma tirrizultax ix-xhieda ta' iben l-attur.

Issa mil-provi prodotti (u jerga' jinghad li dawn jikkonsistu principalment mir-rizultanzi tal-perizja mizmuma mill-Avukat Dr Joe Micallef Stafrace u l-Perit Richard Aquilina), jirrizulta li l-incident mertu tal-kawza sehh gewwa Testaferrata Street faccata id-DUN Auto Dealer. Il-konvenut, li kien jsuq vettura Opel Corsa, kien gej mid-direzzjoni ta' l-Msida u niezel lejn il-Gzira bi *speed* dikjarat ta' cirka 25/30 m.f.s. Iben l-attur ried jaqsam Testaferrata Street min-naha tax-xellug lejn id-DUN Auto Dealer u kif qed jaghmel hekk gie investit mill-vettura misjuqa mill-konvenut.

Jigi osservat, qabel xejn, li Testaferrata Street hija triq wiesgha u dritta ghal distanza konsiderevoli b'mod li minn fejn ried jaqsam iben l-attur dan kellu vizwali tajba tal-vetturi li setghu kienu gejjin. Iben l-attur ma nafux jekk harisx jew le billi, gif gja` inghad, dan ma xehedx, biss il-konvenut xehed li kien mixi bid-dwal mixghulin meta "*Suddenly a person came out of the left side, I applied the brakes, but he came out so quickly that I did not manage to stop in time. He just ran across ..* " Il-konvenut halla *brake marks* ta' cirka tmintax-il metru liema distanza tikkorrobora dak li xehed hu cioe` li kien miexi bi speed regolamentari ta' madwar 30 m.f.s. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-konvenut kien qed jsuq b'xi mod imprudenti ghal lokalita` li tippermetti tali *speed*, tenut kont ukoll il-wisa' taghha u l-fatt li hija dritta fit-tul. Jidher ghalhekk li l-konvenut gie rinfaccjat b'manuvra subitanea u inaspettata bil-qsim inkonsult ta' iben l-attur u konsegwentement kienet f'lokha l-osservazzjoni tal-Perit Legal fl-inkjesta meta qal:
*"min jaqsam minn quddiem par fanali (jew fanal) ta' karozza li tkun tavvicinah (sija jekk jkun jaqsam sewwieq ta' vettura, sija jekk ikun pedestrian) irid attenzjoni partikolari biex ma jizbaljax fil-kalkolu tieghu li jkun ser jilhaq jaqsam qabel jaslu fuqu dawk il-fanali (i.e.qabel tasal fuqu dik il-vettura li lilha jkunu jappartjenu l-fanali); hu difficli li tikkalkulasew speed ta' vettura riesqa lejk meta qed taralha biss il-faccata toqorbok. Hawn tapplika l-avvertenza li "if in doubt, hold back". "Taqsamx!"*

L-appellant jipprova jitfa' aktar responsabbilita` fuq il-konvenut billi jallega li dan kien xurban meta sehh l-incident u ghalhekk, dan il-fatt, flimkien ma l-i*speed* li allegatament il-konvenut kien qed isuq, wasslu, skond l-attur, biex l-istess konvenut ma jkollux kontrol tajjeb tal-vettura tieghu b'mod li setgha jevita l-incident kif ukoll ma zammx *a proper look out*. Din il-Qorti izda ma tikkondividix dan il-hsieb. Qabel xejn hemm id-dikjarazzjoni tal-konvenut li hu kien ha diversi "Vodka and Coke" xi saghtejn u nofs qabel l-akkadut u ghalkemm it-test li sarlu irrizulta pozitiv ma hemm xejn li jikkontradici dak li ddikjara l-espert legali li ha x-xiehda tal-konvenut ftit hin wara l-incident u li stqarr li dan kien "*car hafna u b'ebda mod ma deher bniedem xurban*." (fol. 171). Wara kollox l-alkohol jeffettwa persuni differenti b'mod differenti u l-fatt li bniedem jkun xorob aktar minn dak permess mhux necessarjament jeffettwalu l-fakoltajiet mentali b'mod li jiddisturbaw is-sewqan tieghu. Fi kliem iehor ma hemm xejn li ghandu necessarjament iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi differentement mill-imsemmi espert meta dan qal li "....m'hemmx prova li l-incident gara minhabba li d-driver kien xurban ghalkemm mhux eskluz li l-livell ta' alkohol li kellu d-driver ikkontribwixxa ghan-nuqqas ta' 'proper look-out' manifestata minnu." (fol. 172).

Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

**Dwar il-Lucrum Cessans.**

Hawn l-attur qed jilmemta minn tlett fatturi li l-ewwel Qorti kkunsidrat biex waslet ghall-ammont eventwalment likwidat u cioe`:

a) dwar l-ammont moghti ghall-inflazzjoni,

b) dwar in-numru ta' "*years purchase*" u

c) dwar il-"*lump sum payment deduction*".

Dwar zieda fl-introjtu ta' iben l-attur jidher li l-ewwel Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni x-xoghol li kien jaghmel u l-paga li kien jircevi, waslet biex akkordat zieda ta' LM1,000 fis-sena fuq l-ammont rizultanti. L-attur jsostni li ibnu kien bniedem habrieki u ghalhekk kellu potenzjal u aspettativa ta' introjtu akbar minn dak akkordat ghall-fini

tal-likwidazzjoni tad-danni. Din il-Qorti izda tosserva li ghalkemm iben l-attur kien ilu jahdem ghal cirka hames snin bhala mastrudaxxa dan dejjem baqa' jircievi paga minima u ma hemmx prova li kien hemm xi possibilita` li kien sejjer jimmeljora l-pozizzjoni finanzjarja tieghu fi zmien qarib.

Ghalkemm id-danneggat dejjem jattira certa simpatija minhabba l-griehi u d-dizabilita` li jkun sofra, il-Qorti ghandha wkoll thares l-interess ta' minn ikun kkaguna dawn id-danni b'mod li ma turix pregudizzju lejn parti jew ohra. Tenut kont ta' kollox din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' zieda akkordat minhabba l-effett ta' l-inflazzjoni hija wahda adegwata anke tenut kont tal-fatt li l-ewwel Qorti akkordat ammont addizzjonali fis-somma ta' Lm10,000 bhala risarciment ta' *damnum emergens*.

**Ikkunsidrat:**

L-attur qed jitlob ukoll li l-"*multiplier*" ossia l-"*years purchase*" jizdied minn tlieta u tletin (33) sena ghal erbghin (40) sena u dana fl-ewwel lok minhabba l-eta` tal-korrut dakinhar ta' l-incident (22 sena) kif ukoll minhabba l-fatt li llum huwa mistenni li l-hajja lavorattiva ta' individwu teccedi dak li fi zmien imghoddi kien mistenni.

Din il-Qorti izda ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Huwa generalment ritenut li l-"*multiplier*" qatt ma jkun ekwivalenti ghall-aspettativa tal-hajja lavorattiva ta' dak li jkun u dana minhabba ic-cirkostanzi tal-hajja hekk maghrufa bhala "*the chances and changes of life*". Ghalhekk fic-cirkostanzi "*multiplier*" ta' 33 sena jidher ragonevoli.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

**Ikunsidrat:**

Finalment l-attur qed jilment mil-fatt li l-ewwel Qorti naqset sbatax fil-mija (17%) ghall-iskopijiet tal-"*lump sum payment reduction*" billi jsostni li, fic-cirkostanzi, dan it-tnaqqis ghandu jkun ta' percentwali izghar.

Fl-ewwel lok ghandu jigi osservat li l-attur fl-ebda mument ma spjega x'inhuma dawn ic-cirkostanzi partikolari li jiggustifikaw percentwali izghar, biss minkejja dan din il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' meta gara l-incident u z-zmien li ttiehed biex l-kawza istitwita mill-attur giet determinata, it-tnaqqis ta' 17% jirrifletti sewwa l-hsieb espress mill-qrati taghna f'diversi sentenzi.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell interpost mill-attur qed jigi michud bl-ispejjez kollha kontra tieghu, b'dana li l-ispejjez tas-socjeta` assikuratrici intervenuta fil-kawza ghandhom jigu sopportati mill-istess intervenuta fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------